# Lill-Kanarin Tiegħi

*Lill-Hon. Constance Strickland*
*li qiegħda tistudja l-Letteratura*
*tagħna.*

Għalija minn xħin jisbaħ sa ma jisbaħ
Magħluq fil-gaġġa. Fl-oħla għanja togħla
Xħin lili fejnek kull filgħodu tilmaħ,
Jew xħin tarani dieħel mill-iskola.

Barra r-rebbiegħa! Tħobb kull ħliqa u tifraħ:
Sħabek, is-sriep, id-dud, sa l-iċken vjola,
Iżd'inti le; diċ-ċaħda tiegħek tixbah
Ħafna lill-mewt u donnha mill-mewt ogħla.

Għalxejn jien inpaxxik bl-itjeb maxtura,
La darba ma nagħtikx bħall-aħwa tiegħek,
Il-wisa' tal-ħolqien, il-ġenn tal-ħdura.

Hekk ġewwa d-dinja għall-kburija u r-regħba,
Bħal issa qed jitjassar u jitmiegħek,
L-ispirtu tal-Ħelsien f'gaġġeġ imdehba.

ĠORG PISANI

Għawdex.